MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 187/2009

**A B**

**-vs-**

**C D;**
**E D;**
**Direttur tar-Registru Pubbliku; u**
**Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina li b'digriet tas-26 ta' Frar 2010 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-interessi tal-minuri F G D li twieldet fit-12 ta' Lulju 1996, C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B, li permezz tieghu, wara li ppremetta:

Illi minn relazzjoni extra-maritali bejn ir-rikorrenti u l-konvenuta C D, detentrici tal-karta tal-identita' numru 45764(M), twieldet tarbija fit-12 ta' Lulju 1996, li ggib l-isem ta' F G D u dana kif jirrizulta mic-Certifikat tat-Twelid anness u mmarkat bhala [Dok. A].

Illi mill-istess Att ta' Twelid imsemmi, taht il-kolonna "*Isem u Kunjom*", b'referenza ghal missier it-tarbija, l-istess missier it-tarbija gie indikat bhala l-konvenut E D minflok A B, u dan ghalkemm ir-rikorrenti A B huwa l-missier naturali tal-minuri F G.

Ghaldaqstant, l-attur jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara illi l-minuri F G li twieldet fit-12 ta' Lulju 1996, m'hijiex il-wild naturali ta' E D;

Tordna li huwa jinghata access versu bintu minuri msemmija;

Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjoni mehtiega fl-Att tat-Twelid tal-minuri F G li twieldet fit-12 ta' Lulju 1996, u jigi korrett fis-sens illi kull fejn hemm il-konnotati ta' E D bhala missier it-tarbija, dawn jithassru u jitnizzel "wild persuna mhux maghrufa". Kif ukoll il-kelmiet "the said" li jinsabu qabel isem E D, senjatament fejn hemm indikat it-taghrif dwar l-omm u l-kelmiet "the father" mir-ringiela fejn hemm indikat min ghamel id-dikjarazzjoni ghandhom jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 3043 tas-sena 1996.

Rat id-digriet tas-26 ta' Frar 2010, li permezz tieghu gew mahtura Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina bhala kuraturi tal-minuri F G D.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, li in forza taghha, eccepixxa:

Illi *in limine litis*, jibda biex jigi rilevat li l-ewwel talba tar-rikorrenti bil-mod kif inhi interposta ma tistax tigi akkolta ghaliex m'huwiex permess bil-ligi li terza persuna interessata bhalma huwa r-rikorrenti jipproponi kawza

ghal ricerka ta' paternita' stante li tali azzjoni hija mhollija biss lill-persuna mwielda u koncepita matul iz-zwieg, f'dan il-kaz lill-minuri F G D – ara taht dan il-profil is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell kolleggjali fl-ismijiet "**Marco D vs Pauline Cassar et nomine**" tal-25 ta' Mejju 2007 u "**Dennis Thompson vs Therese Spiteri et**" tal-31 ta' Ottubru 2007. Min-naha l-ohra, biex jinghad kollox, l-unika perkors ta' azzjoni li tikkoncedi l-ligi lil terzi persuni interessati inkluz l-allegat missier naturali hija dik delineata fl-Artikolu 77 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li toffri l-opportunita' li tigi kkontestata l-filjazzjoni ta' persuna mwielda u mnissla fiz-zwieg;

Illi fuq l-istess stregwa allura lanqas ma tista' tintlaqa' kompletament it-tielet talba tar-rikorrenti ghaliex jekk kemm-il darba hu jirnexxielu jipprova ghas-sodisfazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li l-minuri F G D, f'dak il-kaz il-minuri trid tigi mnizzla bhala l-wild ta' persuna mhux maghrufa.

Illi dwar it-tieni talba tar-rikorrenti huwa mill-aktar evidenti li l-esponent m'huwiex il-legittimu kontradittur taghha;

Illi subordinatament ghal dak li jikkoncerna mal-mertu, b'mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri F G D, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

Illi bla hsara ghas-suespost, biex ir-rikorrenti jirnexxielu b'success jattakka l-filjazzjoni tal-minuri F G D, huwa jehtieglu jipprova l-impossibilita' fizika tal-kongungiment bejn il-konjugi E u C D tul il-perjodu li jsemmi l-Artikolu 77 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi fl-istess waqt, ir-rikorrent irid ukoll jeghleb il-presuzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement juru li l-pussess ta' stat tal-minuri F G D ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha;

Illi ulterjorment minghajr pregudizzju ghall-premess, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, il-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem E D, senjatament fejn hemm indikat it-taghrif dwar l-omm u l-kelmiet '*the father*' mir-ringiela fejn hemm indikat min ghamel id-dikjarazzjoni ghandhom jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 3043 tas-sena 1996;

Illi finalment, dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' E D, li permezz taghha, eccepixxa:

Illi huwa jaqbel mat-talbiet attrici u dan fis-sens illi l-minuri F G D li twieldet lill-konvenuta fit-12 ta' Lulju 1996 ma hijiex bintu;

Illi huwa infired minn martu legalment fit-23 ta' April 1998, u dan permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Marco Burlo'. Illi ukoll, martu l-konvenuta, wara li infirdet minn mal-esponenti, marret tghix mal-attur, u l-istess esponenti ilu ma jara lill-istess minuri ghal dawn l-ahhar ghaxar snin. Dan kollu biex juri kemm martu l-konvenuta dejjem ma qisitux bhala missier il-minuri. Di piu', il-kwistjoni tal-paternita' tal-minuri F G ilha tigi ventilata u ghalhekk jehtieg li din tigi risolta darba ghal dejjem;

Illi l-esponenti bl-ebda mod ma jahti ghall-fatt li l-minuri F G D giet registrata fuq ismu u ghaldaqstant huwa ma ghandux jigi akkolat bl-ispejjez ta' din il-kawza, liema spejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-attur u/jew il-konvenuta C D.

Rat ir-risposta guramentata ta' C D, li in forza taghha, eccepiet:

Illi preliminarjament dan ir-rikors guramentat tal-attur ghandu jigi dikjarat null stante li jikkontjeni talbiet li jirrigwardjaw l-access versu l-minuri imsemmija, u dan stante li l-attur ma mexiex skond il-procedura stabbilita ai termini tar-Regolament numru 9 tar-Regolamenti dwar il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) [Gurisdizzjoni Superjuri] (Sezzjoni tal-Familja) L.S. 12.20;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u in linea preliminari ukoll, rigward it-tieni talba tal-attur, fi kwalunkwe kaz, dan ir-rikors jinkorpora fih mhux biss kawza ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kodici Civili izda ukoll talba ghall-access, ghaldaqstant, din it-talba saret qabel ma giet imsejha l-Qorti tal-Familja biex isir tentattiv ta' medjazzjoni skond kif tirrikjedi l-Ligi, u f'dan is-sens, il-kawza hija intempestiva u nieqsa mir-rekwizit necessarju;

Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet suesposti, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif se jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, illi in sostenn ta' din l-eccezzjoni, l-esponenti tiddikjara dan li gej:

– Illi ma hux kontestat li l-esponenti ghandha tifla li jisimha F G li twieldet fit-12 ta' Lulju 1996 u dan skond kif jidher mid-dokument A u mhux qed jigi kontestat li l-konvenuta D kellha relazzjoni extra-maritali mal-attur B biss, pero' ma hix f'pozizzjoni li tikkonferma li l-minuri msemmija hija t-tifla tal-attur stante li fil-perjodu meta giet ikkoncepita l-minuri F G, il-konvenuta D kienet ghadha f'relazzjoni intima mar-ragel taghha l-konvenut l-iehor E D kif ukoll f'relazzjoni intima mal-attur A B. Ghaldaqstant, m'gahndux jigi prekluz lill-partijiet milli jipproducu test tad-DNA biex tigi solvuta din il-pendenza;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti m'ghandhiex tbati l-ispejjez tal-kawza stante li hi ma tahti bl-ebda mod ghall-fatti li taw lok ghal dina l-kawza, fil-fatt wiehed josserva li l-minuri in kwistjoni llum ghandha kwazi tlettax-il sena, l-attur bhala l-eks partner tal-esponenti li dam jghix mal-konvenuta D ghal kwazi l-istess ammont ta'

zmien, kellu zmien ragjonevoli biex jintavola din il-kawza jew fin-nuqqas, jaghmel id-dikjarazzjoni kif tirrikjedi l-Ligi f'dan is-sens.

Bl-ispejjez kontra l-attur li hu minn issa ingunt biex jidher in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-fuq imsemmija kuraturi li eccepew:

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti huwa missier naturali ta' minuri li twieldet lill-intimata C D waqt li din kienet ghadha tghix ma' zewgha l-intimat l-iehor E D u li ghalhekk giet registrata bhala wild l-istess D. Jirrizulta pruvat, madanakollu, illi l-minuri hija tassew bint A B u dan huwa konfermat mill-ezamijiet xjentifici li rizultat taghhom qieghed esebit in atti.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara illi l-minuri F G D m'hijiex wild naturali ta' E D;

Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex fl-Att tat-Twelid tal-imsemmija minuri, 3043 tal-1996 mill-kolonna bid-dettalji ta' missier it-tarbija jithassru l-konnotati ta' E D u jitnizzlu minflok il-konnotati ta' A B, karta tal-identita' Nru. 681162(M), tal-eta' ta' tlieta u tletin (33) sena, imwieled Rabat (Malta) u residenti Imtarfa, iben H B (mejjet). Mill-kolonna bid-dettalji tal-omm ghandhom

jithassru l-kliem "*the said*". Mill-kolonna bit-taghrif dwar min ghamel id-dikjarazzjoni ghandhom jithassru l-kliem "the father".

L-ispejjez kollha jithallsu minn A B u C D fi kwoti indaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------